



6.4.2011

B7-0256/2011 }
B7-0258/2011 }
B7-0259/2011 }
B7-0260/2011 }
B7-0262/2011 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:

ECR (B7-0256/2011)

Verts/ALE (B7-0258/2011)

S&D (B7-0259/2011)

PPE (B7-0260/2011)

ALDE (B7-0262/2011)

dwar is-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire

Cristian Dan Preda, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Filip Kaczmarek, Michèle Striffler, Dominique Baudis, Bernd Posselt, Alain Cadec, Monica Luisa Macovei, Elena Băsescu, Alf Svensson

f'isem il-Grupp PPE-DE

Véronique De Keyser, Thijs Berman, Harlem Désir, Miguel Angel Martínez Martínez, Kader Arif, Vincent Peillon, Patrice Tirolien

f'isem il-Grupp S&D

Charles Goerens, Marielle De Sarnez, Ramon Tremosa i Balcells, Marietje Schaake, Kristiina Ojuland, Sonia Alfano

f'isem il-Grupp ALDE

Judith Sargentini

f'isem il-Grupp Verts/ALE

RC\863797MT.doc

PE459.793v01-00 }
PE459.795v01-00 }
PE459.796v01-00 }
PE459.797v01-00 }
PE459.799v01-00 } RC1

**Charles Tannock, Jan Zahradil, Geoffrey Van Orden, Ryszard Antoni
Legutko, Tomasz Piotr Poręba, Ryszard Czarnecki, Michał Tomasz
Kamiński, Adam Bielan**
f'isem il-Grupp ECR

RC\863797MT.doc

PE459.793v01-00 }
PE459.795v01-00 }
PE459.796v01-00 }
PE459.797v01-00 }
PE459.799v01-00 } RC1

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Côte d'Ivoire, b'mod partikolari dik tas-16 ta' Diċembru 2010¹,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Bamako tat-3 ta' Novembru 2000 dwar id-Demokrazija, id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertà fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Frankofonija,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet relevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-Côte d'Ivoire, b'mod partikolari r-Riżoluzzjonijiet 1946 u 1951 (2010) u 1967, 1968 u 1975 (2011),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-RGħ/VP il-Barunessa Catherine Ashton, dwar is-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire, b'mod partikolari dawk tat-3, l-10, it-12 u d-19 ta' Marzu u l-1 ta' April 2011,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet dwar il-Côte d'Ivoire adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet Barranin fit-3065 laqgħa tiegħu fil-31 ta' Jannar 2011,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE 2011/18/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 li jimponi l-iffriżar tal-assi u jaħtar persuni u entitajiet oħra soġġetti għal miżuri restrittivi fil-Côte d'Ivoire,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni adottata f'Addis Ababa fl-10 ta' Marzu 2011 mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana (UA),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-Côte d'Ivoire tat-3 u l-11 ta' Marzu 2011,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE, tat-18 ta' Marzu 2011, li tikkundanna l-vjolenza u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Côte d'Ivoire,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni magħmula mill-President tiegħu, Jerzy Buzek, fit-18 ta' Marzu 2011 li titlob waqfien għal kull vjolenza kontra n-nies ċivili fil-Côte d'Ivoire,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire adottata fil-25 ta' Marzu 2011 f'Abuja mill-Awtorità tal-Kapijiet tal-Istat u l-Gvern tal-ECOWAS,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tal-25 ta' Marzu 2011, li tistabbilixxi kummissjoni ta' inkjesta internazzjonali sabiex tinvestiga l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Côte d'Ivoire mill-elezzjoni presidenzjali,

¹ Testi adottati, P7_TA(2010)0492.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, f'dawn l-aħħar erba' xhur, il-Côte d'Ivoire daħal fi kriżi politika qawwija li oriġinat mir-rifjut tal-president attwali Laurent Gbagbo li jagħti l-poter lill-president leġittimu Alassane Ouattara, minkejja l-fatt li dan tal-aħħar rebaħ l-elezzjoni presidenzjali ta' Novembru 2010 u kien rikonoxxut bħala rebbieħ mill-komunità internazzjonali, wara l-validazzjoni tar-riżultati min-Nazzjonijiet Uniti;
- B. billi l-isforzi diplomatiċi kollha biex tinstab soluzzjoni paċifika għall-imblokk politiku postelettorali, inklużi dawk tal-UA, tal-ECOWAS u tal-President tal-Afrika t'Isfel, ma rnexxewx,
- C. billi minn nofs Frar il-għlied intensifika kemm fil-belt kapitali kif ukoll fil-punent tal-pajjiż, b'rapporti allarmanti li jindikaw użu li dejjem qed jiżdied ta' artillerija tqila kontra n-nies ċivili,
- D. billi f'dawn l-aħħar jiem, il-Forzi Repubblikani tal-President Ouattara niedu offensiva kbira intiża sabiex jistabilixxu l-awtorità tiegħu, u hađu kontroll ta' diversi żoni importanti, inklużi l-belt kapitali politika, Yamoussoukro, u San Pedro, port prinċipali għall-esportazzjonijiet tal-kawkaw, billi l-forzi favur Ouattara issa daħlu f'Abidjan, li wassal għal għlied qalil mal-forzi leali lejn l-ex-President,
- E. billi skont is-sorsi tan-NU mietu mijiet ta' nies fil-Côte d'Ivoire minn Diċembru tal-2010; billi n-numru eżatt ta' korruti huwa x'aktarx ħafna akbar, peress li l-vjolenza li qed isseħħ ġewwa l-pajjiż mhux dejjem tiġi rrapportata fl-istampa,
- F. billi l-attakki mmirati intenzjonalment kontra l-forzi taż-żamma tal-paċi u l-istituzzjonijiet tan-NU jikkonstitwixxu delitti tal-gwerra; billi l-Missjoni tan-NU fil-Côte d'Ivoire (ONUCI) kienet il-mira għal theddid u attacchi b'mod kostanti mill-forzi ta' sigurtà li jappoġġaw lil Gbagbo, filwaqt li l-ex-President uża kliem retoriku xewwiexi li jinċita lin-nies għal vjolenza kontra l-forzi tan-NU u barranin li jinsabu fil-Côte d'Ivoire; billi diversi membri tal-forza taż-żamma tal-paċi tal-NU indarbu serjament jew saħansitra nqatlu,
- G. billi twettqu atroċitajiet fil-Côte d'Ivoire, inkluż każijiet ta' vjolenza sesswali, għajbien sfurzat, eżekuzzjonijiet extra ġudizzjarji u l-użu eċċessiv u mingħajr distinzjoni ta' forza kontra n-nies ċivili, li jammontaw għal delitti kontra l-umanità,
- H. billi fid-dikjarazzjoni mressqa mill-gvern tiegħu fit-18 ta' April 2003 skont l-Artikolu 12(3) tal-Istatut ta' Ruma, il-Côte d'Ivoire aċċettat il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) għal delitti mwettqa fit-territorju tagħha wara d-19 ta' Settembru 2002; billi l-Côte d'Ivoire tibqa' taħt investigazzjoni preliminarja mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI,
- I. billi r-rispett għall-istat tad-dritt kompli jiddeterjora fil-Côte d'Ivoire, filwaqt li żdiedu r-restrizzjonijiet li tpoġġew fuq il-libertà tal-kelma, tal-espressjoni u tal-midja,
- J. billi s-sitwazzjoni ekonomika fil-Côte d'Ivoire iddeterjorat sew f'dawn l-aħħar erba' xhur

peress li Laurent Gbagbo wettaq nazzjonalizzazzjoni illegali fis-setturi tal-banek u tal-kawkaw u esproprijazzjonijiet arbitrari ta' flus u proprjetà privata; billi l-FMI riċentement wissa li se jkun hemm konsegwenzi ekonomiċi negattivi serji tas-sitwazzjoni attwali fil-Côte d'Ivoire għar-reġjun kollu tal-Afrika tal-Punent,

- K. billi minħabba l-klima ta' terror prevalenti fil-pajjiż, huwa stmat li hemm miljun persuna spostata, kemm ġewwa l-pajjiż kif ukoll f'pajjiżi ġirien bħal-Liberja, il-Gana, it-Togo, Mali u l-Ginea,
- L. billi fis-17 ta' Marzu 2011 il-Kummissjoni żiedet l-għajnuna umanitarja tal-UE lejn il-Côte d'Ivoire b'ħames darbiet,
- M. billi r-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1975(2011), li ġiet adottata unanimament, tħeġġeġ lis-sur Gbagbo biex jirriżenja immedjatament u titlob il-waqfien immedjat tal-vjolenza kontra n-nies ċivili, filwaqt li timponi sanzjonijiet finanzjarji u relatati mal-ivvjaġġar immirati kontra s-sur Gbagbo, il-mara tiegħu u tliet assoċjati tiegħu,
1. Jikkundanna t-tentattivi mill-ex President Gbagbo u s-sostenituri tiegħu biex jużurpa b'mod vjolenti r-rieda tal-poplu Ivorjan; itenni t-talba tiegħu biex is-Sur Gbagbo jirriżenja u jgħaddi immedjatament il-poter lil Alassane Ouattara; jilqa', f'dak ir-rigward, l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 1975(2011), li fiha l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ħareġ bl-aktar dikjarazzjoni qawwija tiegħu mill-bidu tal-kriżi ta' wara l-elezzjoni fil-Côte d'Ivoire, fejn talab lis-sur Gbagbo jirriżenja immedjatament;
 2. Jiddeplora l-fatt li ma nstabet l-ebda soluzzjoni diplomatika, inklużi dawk appoġġjati mill-UA, u li l-vjolenza u l-konfrontazzjoni bl-armi kienu karatteristika tal-kriżi ta' wara l-elezzjoni;
 3. Ifakkar li l-uniku sors ta' leġittimità demokratika huwa l-vot universali u li l-elezzjoni ta' Alassane Ouattara tirrifletti r-rieda sovrana tal-poplu Ivorjan; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ivorjani kollha, inklużi l-forzi tad-Difiża u s-Sigurtà tal-Côte d'Ivoire (FDSCI), biex jissottomettu rwieħhom mingħajr dewmien għall-awtorità tal-President Ouattara li ġie demokratikament elett u għall-gvern tiegħu;
 4. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi ż-żieda fil-vjolenza fil-Côte d'Ivoire, b'mod partikolari l-użu ta' armi tqal kontra n-nies ċivili, u t-telf kunsiderevoli ta' ħajjiet li rriżulta minn dan; jesprimi l-ikbar solidarjetà tiegħu għall-vittmi innoċenti kollha tal-inġustizzja u l-vjolenza fil-Côte d'Ivoire u mal-familji tagħhom; jenfasizza li l-vjolenza kontra n-nies ċivili, inklużi nisa, tfal u persuni spostati internazzjonalment, mhijiex se tkun ittollerata u għandha tieqaf immedjatament;
 5. Jikkundanna bil-qawwi l-każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali allegatament imwettqa kontra n-nies ċivili, inkluż il-qtil extraġudizzjarju u l-atti ta' vjolenza sesswali; jinnota li skont il-KSNU dawn l-atti jistgħu jammontaw għal delitti kontra l-umanità; jesprimi l-oppożizzjoni qawwija tiegħu kontra kull użu tal-midja biex jinstiga l-mibegħda; jitlob it-tneħħija tar-restrizzjonijiet kollha fuq l-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni; jikkundanna s-serq ta' erba' persuni, inklużi żewġ ċittadini tal-UE, minn lukanda f'Abidjan li tinsab f'viċinat ikkontrollat mill-forzi li jappoġġaw lil Gbagbo, u

jitlob il-ħelsien immedjat tagħhom;

6. Jinsisti li ma jista' jkun hemm l-ebda impunità u li għandu jsir kull sforz sabiex dawk kollha responsabbli għad-delitti kontra l-popolazzjoni ċivili jiġu identifikati u jitressqu quddiem il-qrati, inkluż fil-livell internazzjonali; jilqa', f'dak ir-rigward, it-twaqqif ta' kummissjoni ta' inkjesta mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU; jinnota li l-KSNU indika li l-QKI se tiddeċiedi jekk għandhiex ġurisdizzjoni fuq is-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire; jitlob lill-atturi kollha fil-Côte d'Ivoire jikkooperaw ma' dawn l-entitajiet sabiex issir il-ġustizzja; jitlob lill-UE tipprovdi l-appoġġ kollu neċessarju għal dawn l-inkjesti;
7. Jikkundanna bil-qawwa l-atti ta' intimidazzjoni u ta' xkiel diretti kontra l-ONUCI u l-UE;
8. Jilqa' s-sanzjonijiet immirati addizzjonali, li jinkludu l-projbizzjoni ta' viża u l-iffriżar ta' assi, imposti mill-KSNU, l-UA u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fuq il-persuni u l-entitajiet kollha li jopponu l-awtorità tal-President leġittimu, u d-deċiżjonijiet meħuda mill-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali, li rrifjutaw li jitrattaw mal-gvern illeġittimu; jenfasizza li dawn is-sanzjonijiet għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm l-awtoritajiet leġittimi jerġgħu lura fil-poter;
9. Jilqa' l-fatt li r-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1975(2011) fakkret fl-awtorizzazzjoni mogħtija lill-ONUCI biex tuża kull mezz neċessarju sabiex twettaq il-mandat tagħha li tiproteġi n-nies ċivili, inkluż sabiex jiġi evitat użu ulterjuri ta' armi tqal, u esprima appoġġ sħiħ mill-KSNU għal azzjoni bħal din; jitlob, f'dak ir-rigward, tiših rapidu u sinifikanti tal-kapaċitajiet tal-ONUCI sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effikaċi tan-nies ċivili fil-Côte d'Ivoire;
10. Jinnota li, f'konformità mal-mandat tagħha, l-ONUCI diġà ħadet azzjoni f'Abidjan sabiex twaqqaf l-użu ta' armi tqal u tiproteġi n-nies ċivili u l-persunal tan-NU, bl-assistenza tal-Forza Franċiża 'Licorne', fuq talba tas-Segretarju Ġenerali tan-NU;
11. Ifaħħar u jsostni l-isforzi ta' medjazzjoni taħt l-awspiċju tal-UA u l-ECOWAS bil-għan li tiġi evitata l-konfrontazzjoni, u jtenni t-talbiet tiegħu li l-forzi politiċi kollha fil-Côte d'Ivoire juru l-impenn tagħhom għal tranżizzjoni politika demokratika u paċifika u b'hekk jiġi evitat aktar tixrid ta' demm; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-pjan tal-UA għal soluzzjoni globali paċifika għall-kriżi, u jenfasizza li l-pajjiżi Afrikani kollha jridu juru għaqda u jaġixxu flimkien bi ftehim, sabiex jerġa' jkun hemm il-paċi fil-Côte d'Ivoire;
12. Jitlob lill-President Ouattara jiffaċilita l-paċi u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali, filwaqt li jfakkar li m'hemm l-ebda statut ta' limitazzjonijiet għal delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità;
13. Huwa mħasseb sew bid-deterjorament tas-sitwazzjoni umanitarja fil-Côte d'Ivoire u l-pajjiżi ġirien, speċjalment il-Liberja; jitlob lill-parteċipanti kollha fil-Côte d'Ivoire jiżguraw aċċess sikur u bla ostakli fil-partijiet kollha tal-pajjiż għal organizzazzjonijiet umanitarji fil-post; jilqa' l-impenn tal-UE, kif esprimiet il-Kummissarju Georgieva, biex tgħin issolvi l-kriżi umanitarja;
14. Jenfasizza l-bżonn ta' azzjoni politika internazzjonali rapida sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni umanitarja fil-Côte d'Ivoire u tiġi evitata kriżi ġdida ta' migrazzjoni fir-reġjun,

RC\863797MT.doc

PE459.793v01-00 }
PE459.795v01-00 }
PE459.796v01-00 }
PE459.797v01-00 }
PE459.799v01-00 } RC1

jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkoordinaw l-isforzi tagħhom ma' donaturi internazzjonali oħra; jitlob lill-komunità internazzjonali tonora l-impenji ta' għajjnuna umanitarja sabiex tirispondi għall-bżonnijiet urġenti tal-popolazzjoni fil-Côte d'Ivoire u fil-pajjiżi ġirien tagħha;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Viċi-President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill tas-Sigurtà u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-ONU CI, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-ECOWAS, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-President elett tal-Côte d'Ivoire, is-Sur Alassane Ouattara.